MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 646/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentant tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Borg u l-istess Joseph Borg.**

**vs**

**Olivia Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erba mija u sitta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm436.55) rappresentanti r-risarciment ta' danni minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident stradali li gara gewwa B'Kara fil-25 ta' Ottubru 2002, meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura Nru. KBE 894, habtet mal-vettura Nru. DAC 746, proprjeta ta'l-attur Joseph Borg u misjuqa minn Luke Vella, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament

responsabbli, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Dicembru 2002 u l-ispejjez ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’ l-avviz ghan-notifika ta’l-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali b’effett mid-data tal-prezentata ta’l-avviz sad-data ta’l-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra r-riferta tal-Marixxal Judas Thaddeo Farrugia tas-17 ta’ April 2003, minn fejn jirrizulta illi l-konvenuta Olivia Sammut irrifjutat li taccetta n-notifika lilha maghmula ta’l-att ta’l-avviz.

Sema' x-xhieda ta’ l-pustier Dino Mifsud Lepre, wara li l-istess gie debitament ezentat mis-sigriet postali, lil PS 950 Alan Buhagiar, Joseph Mula, u lil Luke Vella.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti, konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta immarkati bhala Dokumenti AB1 u AB2 rispettivament, kif ukoll sett ta’ dokumenti immarkati bhala Dokumenti JM1 sa JM8, konsistenti fis-*survey report*, kif ukoll ir-ricevuti tat-tiswijiet effetwati fuq il-vettura ta’l-attur Joseph Borg.

Ra id-digriet tal-4 ta’ Gunju 2003, fejn gie iddikjarat illi fid-dawl tax-xhieda tal-pustier Dino Mifsud Lepre, li kien responsabbli bil-konsenja ta’l-avviz lill-konvenut, l-konvenuta kellha titqies li giet debitament innotifikata fil-15 ta’ April 2003.

Ra li l-konvenuta naqqset li tippresenta r-risposta taghha fit-terminu moghti mill-ligi, kif ukoll naqqset li tidher quddiem it-Tribunal.

Ikkunsidra,

Illi mix-xhieda ta’ PS 950 Alan Buhagiar, ta’ Luke Vella, is-sewwieq li kien involut fl-incident stradali mertu tal-kawza,

kif ukoll mid-dokumenti esebieti u senjatament ir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta (Dokumenti AB1 u AB2), jirrizulta illi l-konvenuta baqghet hierga minn fuq *stop sign* f'salib it-toroq bejn Triq Anglu Mallia, B'Kara minn fejn kien gej Luke Vella u Triq Brared minn fejn kienet gejja l-konvenuta, bi *speed* eccessiv, b'konsegwenza ta' liema azzjoni hija baqghet diehla fuq in-naha ta' wara tal-vettura ta'l-attur misjuqa minn Luke Vella.

Illi hemm tlett fatturi principali li jimmilitaw kontra l-konvenuta, u cioe' fl-ewwel lok, l-*istop sign* fi Triq Brared minn fejn kienet hierga, il-*brejk marks* ta' 10 metri li halliet li jindikaw illi l-*ispeed* taghha ma kienx wiehed ragjonevoli, kif ukoll in-natura tal-hsarat sofferti fil-vetturi rispettivi. Dana qieghed jinghad ghaliex il-hsarat sofferti fil-vettura ta'l-attur jinsabu fuq il-parti ta' wara ta'l-istess vettura li huwa indikattiv illi is-sewwieq Luke Vella, kien lahaq hareg sew ghal fuq Brared Street, meta l-konvenuta baghet diehla fih.

Inoltre kemm ix-xhieda tas-surgent tal-pulizija, kif ukoll ta' Luke Vella, liema xhieda ma hijiex kontradetta mill-konvenuta li ghogobha ma tikkontestax dina l-kawza, hija wahda verosimili u tikkombacja perfettament ma' dak li jirrizulta mill-iskizz tal-habta u l-hsarat rapportati.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm436.55), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta'l-avviz.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 2002 u l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------